FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 29 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija

Spetturi Lara Butters u William Scicluna

vs

Claude Cefai

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 18395M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awissu 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'resoluzzjoni wahda:

1. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalieh innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

2. talli xjentement ghamel uzu minn xi dokument falz;

3. talli f'Malta assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan jaghmel delitt ( dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz) f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

4. talli xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu  u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 18, 188, 189, 48A, 42, 45(a)(b)(c), 532A, 532B 533 tal -Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Tiddeciedi: li tikkundannah sitt xhur prigunerija li in forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal sena mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat